Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Mejju 2016**
**(OR. en)**

**8535/16**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0124 (NLE)**

**SOC 214**
**EMPL 131**
**PECHE 150**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' April 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 235 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li timplimenta l-Ftehim konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd (EUROPÊCHE) tal-21 ta' Mejju 2012 kif emendat fit-8 ta' Mejju 2013 li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 235 final.

---

Mehmuż: COM(2016) 235 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2016
COM(2016) 235 final

2016/0124 (NLE)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

**li timplimenta l-Ftehim konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd (EUROPÊCHE) tal-21 ta' Mejju 2012 kif emendat fit-8 ta' Mejju 2013 li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 143 final}
{SWD(2016) 144 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-2002, l-ILO bdiet diskussjonijiet fuq skala globali dwar sett komplut u aġġornat ta' standards internazzjonali għas-settur tas-sajd, sabiex tiggarantixxi protezzjoni adatta għas-sajjieda fil-livell globali. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd fl-2007[1]. S'issa, Franza huwa l-uniku Stat Membru tal-UE li rratifika din il-Konvenzjoni[2].

Fl-2007, il-Kummissjoni nediet l-ewwel fażi ta' konsultazzjoni mas-sħab soċjali tal-UE skont l-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fejn dawn tal-aħħar kienu mistiedna sabiex "jeżaminaw il-possibbiltajiet ta' inizjattiva konġunta sabiex jippromwovu l-applikazzjoni fi ħdan l-UE tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni reċenti dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-ILO, 2007"[3]. Il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea ("Cogeca"), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport ("ETF"), u l-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea ("Europêche") bdew jinnegozjaw fl-2009. Ġie konkluż Ftehim fil-21 ta' Mejju 2012, u aktar tard, dan ġie emendat fit-8 ta' Mejju 2013. Fl-10 ta' Mejju 2013, is-sħab soċjali tal-UE talbu lill-Kummissjoni sabiex timplimenta l-Ftehim tagħhom permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 155(2) TFUE.

L-għan ta' din il-proposta huwa l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), bejn il-Cogeca, l-ETF, u l-Europêche.

B'din il-proposta, il-Kummissjoni timmira li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien għas-sajjieda li jkunu qed jaħdmu abbord bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE, billi tistabbilixxi qafas legali kkonsolidat li huwa adattat għall-kundizzjonijiet tax-xogħol għas-settur tas-sajd fuq il-baħar.

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din l-inizjattiva toqgħod fi ħdan il-prijorità tal-Kummissjoni għal suq uniku aktar profond u aktar ġust, b'mod partikolari d-dimensjoni soċjali tiegħu. Din hija konformi mal-ħidma tal-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi suq tax-xogħol ġust u verament pan-Ewropew, li jipprovdi lilll-ħaddiema bi protezzjoni deċenti u impjiegi sostenibbli[4]. Dan jinkludi s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni tas-saħħa, il-ħin tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali, u d-drittijiet marbuta mal-kuntratt tal-impjieg.

Id-dispożizzjonijiet legali tal-UE rilevanti għall-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tas-sajjieda huma stabbiliti f'għadd ta' strumenti legali, b'mod partikolari d-Direttivi tal-UE dwar il-liġi tax-xogħol u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol (OSH). Għall-kwistjonijiet mhux koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE, bħad-dritt għall-kura

---

[1] http://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:C188.

[2] Franza rratifikat il-Konvenzjoni f'Ottubru 2015. In-Norveġja, li hija membru taż-ŻEE, irratifikat il-Konvenzjoni f'Jannar 2016.

[3] COM(2007) 591 finali.

[4] Id-diskors tal-President Juncker dwar l-Istat tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew fid-9 ta' Settembru 2015.

medika fuq l-art, id-dritt għar-ripatrijazzjoni u għaċ-ċertifikat mediku li jiċċertifika li s-sajjieda jifilħu jaħdmu, l-Istati Membri tal-UE introduċew standards differenti ħafna.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

L-evalwazzjoni *ex post* tal-*acquis* tal-UE dwar l-OSH bħalissa tinsab għaddejja u numru ta' kwistjonijiet ewlenin għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE għadhom ma ġewx iddefiniti, jiġifieri fir-rigward tal-arkitettura l-ġdida u l-kontenut preċiż tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-qafas regolatorju tal-UE dwar l-OSH. Waqt ix-xogħol preliminari, il-partijiet interesssati indikaw il-bżonn ta' allinjament tad-dispożizzjonijiet attwali tal-OSH għas-settur marittimu u dak tas-sajd mal-Konvenzjonijiet tal-ILO reċenti, bħall-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007. Huwa ċar li l-Ftehim jikkumplimenta l-*acquis* attwali tal-UE dwar l-OSH u jallinjah mal-Konvenzjoni. Ir-reviżjoni futura tal-qafas tal-UE dwar l-OSH sejjer ikollha tqis il-Ftehim.

L-UE tikkontribwixxi wkoll sabiex ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tas-sajjieda permezz tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)[5], li timmira li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika, u soċjali għall-perjodu fit-tul. Fil-verità, stokkijiet tal-ħut tajbin fl-istess ħin huma ta' benefiċċju għas-sajjieda. Il-ġestjoni tar-riżorsi b'mod sostenibbli żżid il-kompetittività tas-settur tas-sajd tal-UE, filwaqt li toħloq impjiegi ġodda.

L-objettivi tal-PKS huma promossi wkoll fuq livell internazzjonali, u dan jiżgura li l-attivitajiet tas-sajd tal-UE barra l-ibħra tal-UE jkunu bbażati fuq l-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli taħt il-liġi tal-UE, u jippromwovi kundizzjonijiet ugwali għall-operaturi tal-UE u l-operaturi minn pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, l-UE tipprova b'mod attiv li tkun fuq quddiem fil-proċess tat-tisħiħ tal-prestazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali tas-sajd biex ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jikkonservaw u jiġġestixxu r-riżorsi ħajjin tal-baħar taħt ir-responsabbiltà tagħhom, inkluż il-ġlieda kontra sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat (IUU)[6].

Standards ħżiena tas-saħħa u s-sikurezza u kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol huma kemm il-mutur tas-sajd IUU kif ukoll waħda mill-konsegwenzi tiegħu. Minn naħa waħda, l-operaturi jistgħu jagħżlu li jkunu involuti f'sajd IUU minħabba l-ispiża aktar baxxa ta' verifiki limitati dwar is-saħħa u s-sikurezza u kontrolli oħrajn fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, il-ħaddiema fuq bastimenti involuti f'sajd IUU huma vulnerabbli għal sfruttament, minħabba li mhemmx mod għall-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fuq bastiment involut f'attivitajiet illegali. It-titjib tas-sitwazzjoni soċjali tas-sajjieda huwa mistenni li jnaqqas ir-riskju ta' abbużi u jżid l-ispiża tal-involviment f'sajd IUU, biex hekk dan isir għażla anqas attraenti. L-implimentazzjoni tajba tal-Konvenzjonijiet tal-ILO mad-dinja għalhekk ikollha impatt pożittiv kemm fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjieda kif ukoll fuq l-inċidenza tas-sajd IUU. Permezz tal-inkorporazzjoni tal-Ftehim tas-sħab soċjali dwar il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd fil-leġiżlazzjoni tal-UE, l-UE sejra tkun

---

5 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22-61.

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999, ĠU L 286, 29.10.2008, 1–32.

f'pożizzjoni aktar b'saħħitha sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni tagħha f'pajjiżi msieħba madwar id-dinja.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 155(2) tat-TFUE jipprovdi li *"Il-Ftehim konklużi fil-livell tal-Unjoni għandhom ikunu implimentati skont il-proċeduri u l-prattiċi speċifiċi għal min imexxi u għall-ħaddiema u l-Istati Membri, jew, f'materji li huma koperti mill-Artikolu 153, fuq talba konġunta mill-partijiet firmatarji, b'deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jkun informat".*

L-għan tal-Ftehim konkluż mill-Cogeca, l-ETF u l-Europêche huwa, f'konformità mal-Artikolu 153(1)(a) u (b) tat-TFUE, li jittejbu il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-ħaddiema abbord il-bastimenti tas-sajd fuq il-baħar fir-rigward tar-rekwiżiti minimi għax-xogħol abbord, il-kundizzjonijiet tas-servizz, l-akkomodazzjoni u l-ikel, is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni tas-saħħa u l-kura medika. Għaldaqstant, l-Artikolu 155(2) jikkostitwixxi l-bażi legali adatta għall-proposta tal-Kummissjoni.

- **Sussidjarjetà**

Il-bżonn għal azzjoni tal-UE huwa ġġustifikat mill-fatt li s-sajd fuq il-baħar huwa settur transkonfinali li jopera mad-dinja kollha. Il-bastimenti tas-sajd ibaħħru taħt bnadar differenti tal-UE, dawn joperaw ukoll 'il barra mill-ibħra territorjali tal-Istat Membru tal-UE kkonċernat, f'ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stati Membri oħrajn u f'ibħra internazzjonali. Il-flotta tal-UE f'ibħra mbiegħda topera f'ibħra internazzjonali (ibħra miftuħa) u permezz ta' ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi barra l-UE.

Minkejja d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri tal-UE sabiex jirratifikaw il-Konvenzjoni C188 tal-ILO[7], il-proċess tar-ratifika kien bilmod ħafna. Ratifika minn xi wħud mill-Istati Membri tal-UE biss mhux sejra tiżgura livell simili ta' kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol deċenti fi ħdan l-UE għas-sajjieda u kundizzjonijiet ugwali fir-rigward tal-kompetittività bejn l-Istati Membri tal-UE. Dan iwassal għal standards differenti kontinwi, b'mod partikolari, dwar kwistjonijiet li għadhom mhumiex inklużi fil-leġiżlazzjoni tal-UE, bħaċ-ċertifikati mediċi għas-sajjieda, id-dritt għar-ripatrijazzjoni, u l-kura medika fuq l-art. Kundizzjonijiet tax-xogħol differenti għas-sajjieda jkomplu jeżistu fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, dan iwassal għal pożizzjonijiet kompetittivi differenti bejn l-Istati Membri li rratifikaw il-Konvenzjoni u dawk li ma rratifikawhiex. Id-Direttiva proposta tibdni fuq standards eżistenti internazzjonali u tal-UE, b'kont meħud tal-ambjent speċifiku tax-xogħol fis-settur. Din tiżgura livell simili ta' kundizzjonijiet deċenti u ugwali tal-għajxien u tax-xogħol fir-rigward tal-kompetittività bejn l-Istati Membri tal-UE billi twettaq id-dħul fis-seħħ simultanju u traspożizzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha tal-UE tal-istandards tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 li għaliha tirreferi. Hija tallinja s-sitwazzjoni tas-sajjieda ma' dik ta' professjonijiet marittimi oħrajn[8].

---

7 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/321/UE tas-7 ta' Ġunju 2010 li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni, Ewropea, il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-2007 (Konvenzjoni Nru 188) ĠU L 145, 11.6.2010, p. 12–12.

8 Qafas legali bħal dan diġà jeżisti fil-liġi tal-UE għall-baħħara: Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009 li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-

- **Proporzjonalità**

Id-Direttiva proposta tissodisfa r-rekwiżit għall-proporzjonalità għaliex tieħu pass 'il quddiem sabiex tilħaq l-objettivi stabbiliti biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema u tipprevedi qafas legali koerenti li jistipula standards minimi. Din hija strettament limitata għat-traspożizzjoni tal-istandards aġġornati fi ħdan il-Konvenzjoni tal-ILO dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, fil-liġi tal-UE. L-azzjoni hija bbażata fuq Ftehim konkluż mir-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema fis-settur.

Dan ser iħalli l-għażla f'idejn l-Istati Membri tal-UE għaż-żamma jew għad-dħul ta' standards aktar favorevoli għall-ħaddiema u l-flessibilità sabiex jitqiesu karatteristiċi speċifiċi tas-sitwazzjoni nazzjonali tagħhom. Konsegwentement, il-proposta tħalli spazju għal flessibilità fir-rigward tal-għażla ta' miżuri ta' implimentazzjoni konkreti.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa direttiva. It-terminu "deċiżjoni" fl-Artikolu 155(2) tat-TFUE jintuża fit-tifsira ġenerali tiegħu sabiex ikun jista' jintgħażel l-istrument leġiżlattiv skont l-Artikolu 288 tat-TFUE. Hija l-Kummissjoni li trid tipproponi l-aktar strument xieraq mit-tliet strumenti vinkolanti msemmija f'dak l-Artikolu (regolament, direttiva jew deċiżjoni).

L-Artikolu 296 tat-TFUE jispeċifika li: '*Fejn it-Trattati ma jispeċifikawx it-tip ta' att li għandu jiġi adottat, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeċiedu każ b' każ, skont il-proċeduri applikabbli, u skont il-prinċipju tal-proporzjonalità.*'

F'dan il-każ, minħabba t-tip u l-kontenut tal-Ftehim tas-sħab soċjali, huwa ċar li l-aħjar ikun applikat permezz ta' dispożizzjonijiet li għandhom jiġu trasposti mill-Istati Membri u/jew mis-sħab soċjali fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri. Għaldaqstant, l-aktar strument xieraq huwa direttiva tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li l-Ftehim ma għandux ikun inkorporat fil-proposta iżda anness magħha.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Artikolu 155(1) tat-TFUE jipprevedi li s-sħab soċjali fil-livell tal-UE jidħlu f'relazzjonijiet kuntrattwali, inklużi ftehimiet, jekk iridu. It-TFUE ma jitlobx li jikkonsultaw ma' partijiet oħrajn minn qabel. Minħabba t-trasparenza tal-proċess u r-rwol fdat lis-sħab soċjali mill-Artikolu 155 tat-TFUE, ma twettqet l-ebda konsultazzjoni pubblika addizzjonali[9].

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Studju estern kien ikkummissjonat sabiex jappoġġja l-valutazzjoni dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-Ftehim[10]. Il-konsulenti identifikaw l-awtoritajiet rilevanti u s-sħab soċjali fl-Istati Membri kollha u talbu għal informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-

Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE, ĠU L 124, 20.5.2009, p. 30-50.

9 http://ec.europa.eu/smart-regulation/guidelines/tool_7_en.htm.

10 ICF Internazzjonali, "Studju dwar l-Ispejjeż u l-Benefiċċji tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta is-sħab soċjali settorjali Ewropej' Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 tal-ILO', Diċembru 2015.

kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fis-settur tas-sajd fuq il-baħar u l-impatt potenzjali li jistennew mill-implimentazzjoni tal-Ftehim.

- **Valutazzjoni tal-impatt proporzjonali**

Skont il-Linji Gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar[11], u sabiex il-Kulleġġ tal-Kummissarji jieħu deċiżjoni infurmata, is-servizzi tal-Kummissjoni ħejjew valutazzjoni tal-impatt proporzjonali li tinkludi wkoll valutazzjoni tar-rappreżentattività tal-firmatarji u tal-legalità tal-klawżoli tal-Ftehim fir-rigward tal-qafas legali tal-UE.

- *Rappreżentattività tas-sħab soċjali tal-UE*

Fil-valutazzjoni ta' talba mis-sħab soċjali tal-UE għall-implimentazzjoni tal-ftehim tagħhom fil-liġi tal-UE skont l-Artikolu 155 tat-TFUE, il-Kummissjoni tħares lejn ir-rappreżentattività u l-mandat tas-sħab soċjali għall-qasam ikkonċernat mill-ftehim. Dan jiżgura li t-talba hija konformi mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE u li l-ftehim jista' jserraħ fuq appoġġ wiesa' fost dawk filfatt ikkonċernati.

Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE tal-20 ta' Mejju 1998, is-sħab soċjali fil-livell Ewropew għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin: *"(a) ikollhom x'jaqsmu ma' setturi jew kategoriji speċifiċi u jkunu organizzati fuq livell Ewropew;*

*(b) ikunu organizzazzjonijiet li minnhom infushom jagħmlu parti integrali u rikonoxxuta mill-istrutturi tas-sħab soċjali ta' Stati Membri u jkollhom il-ħila li jinnegozjaw ftehim, u li jkunu rappreżentanti ta' għadd ta' Stati Membri; u*

*(c) ikollhom strutturi biżżejjed biex jassiguraw parteċipazzjoni effettiva fil-ħidma tal-Kumitati ta' Djalogu (Settorjali)".*

Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu sodisfatti fiż-żmien meta l-Ftehim ikun iffirmat. Fil-mument tal-firma tal-Ftehim, il-Kroazja kienet għadha mhux membru tal-UE. Sabiex tivvaluta r-rappreżentattività tas-sħab soċjali tal-UE, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) wettqet studju fl-2012.

Il-Ftehim jikkonċerna l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-sajd fuq il-baħar, li jaqbel mad-delimitazzjonijiet settorjali tal-Kumitat tad-djalogu soċjali settorjali tas-sajd fuq il-baħar. Għaldaqstant, l-ekwivalenza bejn il-kopertura tal-Kumitat u tal-Ftehim hija mogħtija. Is-sħab soċjali li jipparteċipaw fil-Kumitat huma l-Europêche u l-Cogeca għal min iħaddem u l-ETF għall-ħaddiema.

Għal Europêche, l-istudju dwar ir-rappreżentattività tal-Eurofound mill-2012 jidentifika membri fi 11-il Stat Membru tal-UE[12]. Żewġ organizzazzjonijiet ta' min iħaddem għandhom status ta' osservatur (LV u LT).

Cogeca tirrappreżenta l-interessi ġenerali u speċifiċi tal-kooperattivi Ewropej agrikoli, tal-forestrija, tas-sajd u dawk agroalimentari. Għandha membri marbuta mas-sajd fuq il-baħar fi 11-il Stat Membru[13]. Meta wieħed iqis is-sħubija kemm tal-Cogeca kif ukoll tal-Europêche,

[11] SWD(2015) 111 finali.
[12] BE, DE, DK, ES, FR, EL, IT, NL, PL, SE u UK.
[13] CY, DE, EE, ES, FR, EL, IE, IT, MT, NL u SI.

dan ifisser li fuq in-naħa ta' min iħaddem, b'kollox 16-il Stat Membru huma rappreżentati fil-kumitat.

Fuq in-naħa tal-ħaddiema, l-ETF għandha sħubija relatata mas-sajd fuq il-baħar fi 11-il Stat Membru[14]. Dan iħalli s-sajjieda fi 11-il Stat Membru[15] mhux rappreżentati. Madankollu, skont il-figuri tal-impjiegi għas-settur, għall-biċċa l-kbira ta' dawn il-pajjiżi, in-numru tal-impjegati huma madwar 1000 ħaddiem (fil-biċċa l-kbira ta' dawn l-Istati Membri, l-impjieg huwa konsiderevolment aktar baxx). Filwaqt li l-Irlanda, il-Greċja, ir-Rumanija u l-Iżvezja għandhom aktar minn 1 000 sajjied, sehem kbir ħafna minnhom jaħdmu għal rashom.

Fl-aħħar nett, bl-eċċezzjoni tal-Portugall u r-Rumanija, mhemmx Stati Membri fejn l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem attivi fis-sajd fuq il-baħar mhumiex rappreżentati fil-livell Ewropew, b'kont meħud tal-fatt li s-settur huwa relattivament żgħir fir-Rumanija. It-tmien Stati Membri li jiffurmaw 84 % tas-settur f'termini tal-impjieg totali u 87 % f'termini tal-ekwivalenti full-time huma rappreżentati fi ħdan id-djalogu soċjali Ewropew. Dan iwassal għall-konklużjoni li s-sħab soċjali li ffirmaw il-Ftehim huma rappreżentattivi tas-settur u għaldaqstant jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex timplimentah skont l-Artikolu 155 tat-TFUE.

- *Legalità tal-klawżoli*

Il-Kummissjoni eżaminat il-legalità tal-Ftehim. Eżaminat bir-reqqa kull klawżola u ma sabet l-ebda waħda li tmur kontra l-liġi tal-UE. L-obbligi li kieku jiġu imposti fuq l-Istati Membri ma jirriżultawx direttament mill-Ftehim bejn is-sħab soċjali. Minflok dawn jirriżultaw mill-implimentazzjoni tiegħu permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill, jiġifieri direttiva. Il-kamp tal-applikazzjoni u l-kontenut tal-Ftehim jibqa’ fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 153(1) tat-TFUE. L-estensjoni ta' xi dispożizzjonijiet tal-Ftehim għal dawk li jaħdmu għal rashom ma tikkontradixxix l-Artikolu 153(1)(a) minħabba li l-għan aħħari u l-kundizzjoni għall-estensjoni tad-dispożizzjonijiet għal dawk li jaħdmu għal rashom huma s-salvagwardja tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema abbord l-istess bastiment. Din l-estensjoni diġà teżisti fl-*acquis* attwali tal-UE dwar l-OSH applikabbli għal dan is-settur. L-Artikolu 3(3) tal-Ftehim fih klawżola ta’ nonrigressjoni, li tissalvagwardja l-livell eżistenti ta’ protezzjoni tal-ħaddiema. L-Artikolu 4 tal-Ftehim jiddikjara li mhux ser jaffettwa l-ebda liġi, sentenza jew drawwa, jew kwalunkwe ftehim bejn is-sidien tal-bastimenti tas-sajd u s-sajjieda, li jiżgura kundizzjonijiet aktar favorevoli għas-sajjieda minn dawk previsti fil-Ftehim.

- *Għażliet ta' politika u valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji*

Il-Kummissjoni tista' biss taċċetta jew tiċħad it-talba tal-partijiet firmatarji għall-implimentazzjoni tal-Ftehim permezz ta' att leġiżlattiv. Ma tistax temenda t-test tal-Ftehim. Ma tistax titlob lis-sħab soċjali fil-livell tal-UE sabiex jimplimentaw il-Ftehim tagħhom b’mod awtonomu, peress li din hija l-prerogattiva tas-sħab soċjali skont l-Artikolu 155(2) tat-TFUE.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tqis biss għażla waħda ta' politika. Il-valutazzjoni tal-impatt proporzjonali li takkumpanja l-proposta ivvalutat din l-għażla ta' politika (jiġifieri l-miżuri stabbiliti fil-Ftehim), u qabblitha mal-linja bażi (jiġifieri l-għażla tal-ebda azzjoni oħra mill-UE).

[14] BE, BG, DE, DK, ES, FR, IT, NL, PL, PT u UK.
[15] CY, EE, EL, IE, FI, LV, LT, MT, RO, SE, SI.

Ir-riżultati tal-analiżi juru li, b'mod ġenerali, mhux mistennija żieda sinifikanti fl-ispejjeż. L-ispejjeż ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, skont il-grad li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom diġà hija konformi mal-Ftehim. Xi spejjeż ser iseħħu darba biss (eż. spejjeż relatati mat-traspożizzjoni tal-Ftehim fil-leġiżlazzjoni nazzjonali) u xi wħud ser ikunu rikorrenti (eż. spejjeż assoċjati maċ-ċertifikati mediċi li ser ikollhom bżonn li jiġu mġedda perjodikament, spejjeż għar-ripatrijazzjoni, eċċ.).

Għal Stati Membri li diġà huma konformi mal-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim, l-ispejjeż ser ikunu limitati. Għal Stati Membri li ser ikollhom bżonn ibiddlu xi aspetti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fir-rigward pereżempju taċ-ċertifikazzjoni medika, id-dritt għar-ripatrijazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju, l-ispejjeż għal kull ħaddiem jew għal kull intrapriża ser jibqgħu proporzjonati, b'mod ġenerali, għall-għan li għandu jintlaħaq. B'mod ġenerali, l-ispejjeż għar-ripatrijazzjoni, iċ-ċertifikati mediċi, u l-valutazzjonijiet tar-riskju huma stmati bejn EUR 1,3 miljun u EUR 8 miljun. Meta wieħed iqis id-dħul annwali tas-settur ta' EUR 6,9 biljun, l-ispejjeż jammontaw għal massimu ta' 0.,11 % tad-dħul totali tas-settur.

Il-Ftehim għandu jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fis-settur tas-sajd fuq il-baħar fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol, l-età minima, iċ-ċertifikazzjoni medika, il-valutazzjoni tar-riskju, l-akkomodazzjoni, l-ikel u l-ilma abbord, u l-kura medika abbord. Dan ser joħloq ukoll kundizzjonijiet ugwali fl-UE għas-settur, billi jistabbilixxi standards minimi madwar l-UE kollha.

Għal min iħaddem, tnaqqis fl-inċidenza ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, korrimenti, u mard iwassal għal produttività ogħla, spejjeż aktar baxxi għall-kumpens u tnaqqis fil-bidla tal-persunal. Għall-ħaddiema dan ser ibaxxi r-riskju ta' aċċidenti u/jew mard. Dan ser inaqqas ir-riskju ta' telf ta' kapaċità tad-dħul. Barra minn hekk, dan ser jippermettilhom sabiex jibqgħu għal aktar żmien fis-settur. Dan ser iżid ukoll l-attrazzjoni tas-settur għall-ħaddiema żgħażagħ u mħarrġa.

Fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali, dan ser iwassal għal spejjeż aktar baxxi fir-rigward tas-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa. Il-benefiċċji ġenerali għall-ħaddiema, għal min iħaddem u għall-awtoritajiet nazzjonali huma stmati bejn EUR 1.2 miljun u EUR 19.7 miljun fuq perjodu ta' ħames snin.

Mit-tqabbil tal-għażliet u mill-analiżi dwar il-benefiċċji u l-ispejjeż, jista' jiġi konkluż li l-Ftehim jilħaq l-objettivi stabbiliti bi spiża globali raġonevoli u li l-implimentazzjoni tiegħu permezz ta' direttiva hija xierqa.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Kważi 90 % tan-negozji fis-settur tas-sajd fuq il-baħar huma mikro-negozji b'bastiment wieħed biss. Abbażi tad-data disponibbli, jista' jiġi assunt li sehem sinifikanti ta' dawn huma bastimenti mħaddma mis-sid jew bastimenti mħaddma minn kaptan b'ħaddiem jew tnejn oħra li jaħdmu għal rashom jew impjegati abbord. Il-Ftehim ma japplikax għall-operaturi-sidien minħabba li dawn huma meqjusa li jaħdmu għal rashom.

Minħabba l-istruttura tas-settur tas-sajd fuq il-baħħar, l-impatt tal-Ftehim ser ikun prinċipalment fuq il-mikro-negozji b'impjegati jew fejn dawk li jaħdmu għal rashom jaħdmu flimkien ma' impjegati. Madankollu, hija improbabbli li l-kompetittività tagħhom ser tkun affettwata b'mod negattiv meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali. L-istabbiliment ta' standards minimi fil-livell tal-UE ser jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ugwali, u għaldaqstant itejjeb

il-pożizzjoni kompetittiva. Kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol iwasslu għal produzzjoni mtejba, spiża anqas fuq il-kumpens f'każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, mard jew aċċidenti u rata mnaqqsa ta' bidla tal-persunal.

Barra minn hekk, il-Ftehim jinkludi l-possibbiltà li l-Istati Membri jimplimentaw il-Ftehim b'mod progressiv fuq perjodu ta' ħames snin għal ċerti kategoriji ta' sajjieda jew bastimenti.

• **Drittijiet fundamentali**

L-objettivi ta' din il-proposta huma konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-drittijiet imħarsa taħt l-Artikoli 20 (Ugwaljanza quddiem il-liġi), 31 (Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa) u 32 (Il-projbizzjoni ta' impjieg ta' tfal u protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRA

• **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar is-segwitu u r-reviżjoni mill-firmatarji, il-Kummissjoni Ewropea sejra, wara li tikkonsulta mal-maniġment u mal-ħaddiema fil-livell Ewropew, tissorvelja l-implimentazzjoni tad-Direttiva li timplimenta l-Ftehim. Il-Kummissjoni Ewropea ser tevalwa d-Direttiva ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

• **Dokumenti ta' spjegazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test nazzjonali li jittrasponi d-Direttiva u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva. Id-Direttiva tkopri ħafna aspetti tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tas-sajjieda, bħall-ħinijiet tax-xogħol, l-età minima, il-kontenut tal-ftehim ta' impjieg, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, iċ-ċertifikati mediċi għas-sajjieda u r-rekwiżiti ta' forniment ta' persunal. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri rigward kwistjonijiet koperti mill-proposta, normalment tkun tinsab f'għadd ta' testi leġiżlattivi differenti (Kodiċijiet tax-Xogħol, leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza, dispożizzjonijiet mhux eżawrjenti speċifiċi għas-settur) li jkunu jeħtieġu approċċ u interpretazzjoni sistemiċi.

Il-proposta fiha wkoll għadd ta' elementi mhux preċedentement koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE, bħaċ-ċertifikazzjoni medika, dettalji speċifiċi dwar il-kwalità tal-ikel u l-ilma, u elementi speċifiċi rigward l-akkomodazzjoni abbord il-bastimenti tas-sajd. Tinħtieġ informazzjoni mhux ambigwa dwar it-traspożizzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet u s-soluzzjonijiet il-ġodda biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti mill-proposta. Din tippermetti lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva, li huma maħsuba li jipproteġu s-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema, li jipprovdu aktar flessibbiltà lill-impriżi u li jrawmu kompetizzjoni ġusta bejn l-impriżi.

Il-piż amministrattiv addizzjonali stmat għall-forniment ta’ dokumenti ta’ spjegazzjoni mhuwiex sproporzjonat (huwa ta’ darba u ma għandux jirrikjedi li jkunu involuti bosta organizzazzjonijiet). Id-dokumenti ta’ spjegazzjoni jistgħu jkunu abbozzati b’mod aktar effiċjenti mill-Istati Membri.

Fid-dawl ta’ dan, huwa ssuġġerit li l-Istati Membri jintrabtu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta’ traspożizzjoni tagħhom billi jipprovdu dokument ta’ spjegazzjoni jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti tad-Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta’ traspożizzjoni nazzjonali.

- **Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost huwa kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jkun estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-istruttura tal-proposta hija kif ġej:

*Artikolu 1*

Dan l-Artikolu jagħmel il-Ftehim bejn is-sħab soċjali vinkolanti, u dan huwa l-għan ta’ deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 155(2) tat-TFUE.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 2 jiddikjara li d-Direttiva tipprevedi biss rekwiżiti minimi, u tħalli lill-Istati Membri liberi li jadottaw miżuri li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema fil-qasam ikkonċernat. L-għan tagħha huwa li tiżgura b’mod espliċitu li japplikaw il-livelli miksuba ta’ protezzjoni tal-ħaddiema u l-aktar standards favorevoli ta' protezzjoni fuq ix-xogħol.

*Artikoli 3 sa 6*

L-Artikoli 3 sa 6 fihom id-dispożizzjonijiet tas-soltu dwar it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, inkluż l-obbligu li jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Artikolu 5 fih klawżola ta' rappurtar. L-objettiv tal-Artikolu 5 huwa li jissorvelja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fis-settur u li ssir valutazzjoni. Id-data rigward l-għadd ta' aċċidenti, korrimenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa fis-settur ser tkun eżaminata f'dan il-kuntest.
L-Artikolu 6 jirreferi għad-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. L-Artikolu 7 jispeċifika d-destinatarji.

**Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet tal-Anness għall-proposta**

*Artikolu 1 (Definizzjonijiet)*

Il-Ftehim jiddefinixxi t-tifsira tat-termini li ġejjin għall-finijiet tiegħu: a) operazzjoni tas-sajd, b) sajd kummerċjali, c) awtorità kompetenti, d) konsultazzjoni, e) sid ta' bastiment tas-sajd jew sid, f) sajjied, g) ftehim tax-xogħol tas-sajjieda, h) bastiment tas-sajd jew bastiment, i) tul, j) tul bejn il-perpendikulari, k) il-kaptan, l) servizzi ta' reklutaġġ u pjazzament, u m) aġenzija

privata tal-impjiegi. Il-paragrafu 2 jistabbilixxi t-tifsira ta' dawn it-termini għall-finijiet tal-Ftehim.

*Artikolu 2 (Kamp ta' applikazzjoni)*

L-Artikolu 2 jiddikjara li l-Ftehim japplika għas-sajjieda kollha impjegati abbord bastiment tas-sajd involut f'operazzjonijiet tas-sajd kummerċjali, li hu rreġistrat fi jew itajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE. Il-Ftehim japplika wkoll għal sajjieda li jaħdmu għal rashom li jaħdmu flimkien ma' ħaddiema abbord l-istess bastiment, sabiex jiżgura l-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza b'mod ġenerali tal-ħaddiema abbord l-istess bastiment. Din l-estensjoni għal dawk li jaħdmu għal rashom hija skont il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE. L-Artikolu 2(2) jistabbilixxi li f'każ ta' dubju dwar jekk bastiment tas-sajd huwiex involut f'operazzjonijiet kummerċjali, dan għandu jkun determinat mill-awtorità kompetenti wara konsultazzjoni. L-Artikolu 2(3) jiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jestendu, wara konsultazzjoni, il-protezzjoni prevista fil-Ftehim lis-sajjieda li jaħdmu abbord bastimenti ta' 24 metru u iktar u lis-sajjieda li jaħdmu abbord bastimenti ta' anqas minn 24 metru fit-tul.

*Artikolu 3 (Applikazzjoni tal-Ftehim)*

Il-paragrafu 1 jistabbilixxi li Stat Membru jista', għal raġunijiet oġġettivi, wara konsultazzjoni, jeskludi kategoriji limitati ta' sajjieda jew bastimenti tas-sajd mir-rekwiżiti ta' dan il-Ftehim jew minn xi wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu, jekk l-applikazzjoni tal-ftehim tqajjem problemi sostanzjali fid-dawl tal-kundizzjonijiet speċifiċi ta' servizz tas-sajjieda jew tal-ħidma tal-bastiment tas-sajd. Il-paragrafu 2 jiddikjara li f'każ ta' esklużjoni ta' xi kategoriji ta' sajjieda jew ta' bastimenti tas-sajd taħt il-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha testendi l-Ftehim b'mod progressiv għall-kategoriji kollha ta' sajjieda jew bastimenti tas-sajd fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Il-paragrafu 3 fih klawżola ta' non-rigressjoni.

*Artikolu 4 (Klawżola ta' kundizzjonijiet aktar favorevoli)*

Dan l-Artikolu fih klawżola dwar dispożizzjonijiet aktar favorevoli li permezz tagħhom kwalunkwe liġi, sentenza jew drawwa li jiżguraw kundizzjonijiet aktar favorevoli għas-sajjieda minn dawk fil-Ftehim, m'għandhomx jiġu affettwati mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

*Artikolu 5 (Responsabilitajiet tas-sidien tal-bastimenti tas-sajd, il-kaptani u s-sajjieda)*

L-Artikolu 5(1) jiddikjara li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 93/103/KE[16]. Il-paragrafu 2 jistabbilixxi li r-responsabilità tas-sid tal-bastiment tas-sajd sabiex jiżgura li l-kaptan huwa pprovdut bir-riżorsi u l-faċilitajiet neċessarji sabiex ikun konformi mal-obbligi tal-Ftehim. L-Artikolu 5(3) jiddeskrivi, b'mod mhux eżawrjenti, ir-responsabbiltajiet differenti tal-kaptan, sabiex huwa jiżgura s-sikurezza u s-saħħa tas-sajjieda abbord il-bastiment. L-Artikolu 5(4) jistabbilixxi li l-kaptan ma jridx ikun miżmum mis-sid tal-bastiment tas-sajd milli jieħu deċiżjonijiet li huma neċessarji għas-sikurezza tas-sajjieda, tal-bastiment, u n-navigazzjoni u l-ħidma sigura tiegħu. L-Artikolu 5(5) jistabbilixxi obbligu fuq is-sajjieda li jikkonformaw mal-ordnijiet legali tal-kaptan u mal-miżuri ta' sikurezza u saħħa applikabbli.

*Artikolu 6 (Età minima)*

[16] Id-Direttiva tal-Kunsill 93/103/KE tat-23 ta' Novembru 1993 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sikurezza u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd (it-tlettax-il Direttiva individwali li taqa' taħt it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), ĠU L 307, 13.12.1993, p. 1-17.

L-Artikolu 6 japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 94/33/KE[17]. Skont il-paragrafu 2 l-età minima għal xogħol abbord bastiment tas-sajd hija ta' 16-il sena bil-kundizzjoni li dak iż-żagħżugħ mhuwiex aktar soġġett għal edukazzjoni full-time obbligatorja taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Żgħażagħ ta' ħmistax-il sena involuti f'taħriġ vokazzjonali fis-sajd jistgħu jaħdmu abbord bastimenti tas-sajd taħt l-istess kundizzjonijiet.

L-Artikolu 6(3) jistabbilixxi li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw persuni tal-età ta' 15-il sena sabiex iwettqu xogħol ħafif waqt il-vaganzi tal-iskola. L-awtoritajiet kompetenti jridu, wara konsultazzjoni, jiddeterminaw it-tipi ta' xogħol permessi u l-kundizzjonijiet li taħthom isir dan ix-xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ meħtieġa. L-Artikolu 6(4) jiddikjara li għal attivitajiet abbord il-bastimenti li, minħabba n-natura tagħhom jew iċ-ċirkostanzi li jitwettqu fihom, jistgħu jpoġġu f'periklu s-saħħa, is-sikurezza, l-iżvilupp fiżiku, mental jew soċjali, l-edukazzjoni jew il-morali taż-żgħażagħ, l-età minima hija ta' 18-il sena. L-Artikolu 6(5) jiddikjara li dawn l-attivitajiet għandhom ikunu ddeterminati mil-liġi jew ir-regolamenti nazzjonali jew mill-awtoritajiet kompetenti wara konsultazzjoni. L-Artikolu 6(6) jistabbilixxi li ż-żgħażagħ minn dik l-età jistgħu jwettqu dawn l-attivitajiet sakemm is-saħħa, is-sikurezza, l-iżvilupp fiżiku, mentali jew soċjali, l-edukazzjoni jew il-morali tagħhom ikunu mħarsa bis-sħiħ u jkunu rċevew istruzzjoni jew taħriġ vokazzjonali speċifiċi u temmew taħriġ ta' presikurezza.

L-Artikolu 6(7) jistabbilixxi definizzjoni ta' "lejl". Fih projbizzjoni ta' xogħol bil-lejl taħt l-età ta' 18-il sena. Tista' ssir eċċezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti meta t-taħriġ effettiv tas-sajjieda inkella jkun imfixkel jew in-natura speċifika jew programm ta' taħriġ rikonoxxut jirrikjedu li s-sajjieda taħt l-età ta' 18-il sena jwettqu kompiti bil-lejl. L-awtorità kompetenti trid tiddetermina, wara konsultazzjoni, li x-xogħol bil-lejl mhux ser ikollu impatt detrimentali fuq saħħithom jew il-benesseri tagħhom. L-Artikolu 6(8) fih klawżola dwar dispożizzjonijiet aktar favorevoli.

*L-Artikoli 7-9 (Eżami mediku / ċertifikat mediku)*

*Artikolu 7*

L-Artikolu 7(1) jistabbilixxi l-obbligu tas-sajjieda li jkollhom ċertifikat mediku validu abbord li jattesta l-idoneità tagħhom sabiex iwettqu dmirijiethom abbord. Il-paragrafu 2 jiddikjara li jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, b'kont meħud tas-sikurezza u s-saħħa tas-sajjieda, id-daqs tal-bastiment, u d-disponibbiltà ta' assistenza medika, l-evakwazzjoni, it-tul tal-vjaġġ, iż-żona u t-tip ta' ħidma tas-sajd. Il-paragrafu 3 jiddikjara li dawn l-eżenzjonijiet ma jistgħux ikunu applikati għas-sajjieda li jkunu qed jaħdmu fuq bastiment tas-sajd b'tul ta' 24 metru u akbar jew li normalment jibqa' fuq il-baħar għal aktar minn tlett ijiem. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjoni li tippermetti sajjied sabiex jaħdem għal tul ta' żmien limitat u speċifikat sakemm ikun jista' jinkiseb ċertifikat mediku f'każijiet urġenti u jekk is-sajjied jeħtieġ li jkun fil-pussess ta' ċertifikat mediku skadut ta' data riċenti biss.

*Artikolu 8*

L-Artikolu 8 jiddikjara li l-Istati Membri jridu jadottaw liġijiet, regolamenti jew miżuri oħrajn li jipprevedu n-natura u l-frekwenza tal-eżami mediku u l-forma, il-kontenut u l-validità taċ-ċertifikati mediċi. Dawn għandhom ukoll jadottaw liġijiet, regolamenti jew miżuri oħrajn li

[17] Id-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol, ĠU L 216, 20.8.1994, p. 12-20.

jipprevedu d-dritt għal eżami vinkolanti ieħor minn eżaminatur mediku indipendenti, maħtur bħala arbitru, f'każ ta' rifjut ta' ċertifikat, jew meta jiġi riċevut ċertifikat waqt li l-persuna ddikjarat li ma tistax taħdem jew ġiet rifjutata ċertifikat waqt li r-raġunijiet mediċi għar-rifjut mhumiex applikabbli aktar.

*Artikolu 9*

L-Artikolu 9 jistabbilixxi rekwiżiti minimi addizzjonali fir-rigward taċ-ċertifikat mediku għas-sajjieda li jaħdmu abbord bastiment ta' 24 metru u aktar jew bastiment li normalment jibqa' fuq il-baħar għal aktar minn tltet ijiem.

*Artikolu 10 (Ekwipaġġar)*

L-Artikolu 10 jiddikjara li s-sidien tal-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd ikunu ekwipaġġjati biżżejjed u b'mod sigur għan-navigazzjoni u l-ħidma mingħajr periklu tal-bastiment u taħt il-kontroll ta' kaptan kompetenti. Mhuwiex indikat limitu numeriku. Il-paragrafu 2 jistabbilixxi rekwiżiti aktar dettaljati għall-bastimenti ta' 24 metru u aktar. Il-paragrafu 3 jagħti lill-awtorità kompetenti l-possibbiltà sabiex tistabbilixxi rekwiżiti alternattivi għall-bastimenti ta' 24 metru u aktar. Dawn għandhom jiffaċilitaw l-objettivi ġenerali u l-għan ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 11 u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 2 u ma jikkompromettux is-saħħa u s-sikurezza tas-sajjieda fuq il-post tax-xogħol.

*Artikolu 11 (Sigħat ta' xogħol u sigħat ta' mistrieħ)*

L-Artikolu 11 jistabbilixxi s-sigħat tax-xogħol u s-sigħat ta' mistrieħ għas-sajjieda tal-baħar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, filwaqt li jipprevedi ħin medju ta' xogħol fil-ġimgħa ta' 48 siegħa għal perjodu ta' referenza massimu ta' 12-il xahar. Għas-sajjieda msemmijin qabel, l-Artikoli 3 sa 6 inklużi, 8 u 21 tad-Direttiva 2003/88/KE[18] mhux ser japplikaw. Għas-sajjieda l-oħrajn ser tkompli tapplika d-Direttiva 2003/88/KE.

Il-paragrafu 2 jiddikjara li sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sikurezza tas-sajjieda u sabiex tiġi limitata l-għeja, għandu jiġi stabbilit numru massimu ta' sigħat tax-xogħol u numru minimu ta' sigħat ta' mistrieħ tul perjodu partikolari, b'kont meħud tal-limiti stipulati mill-paragrafi 3 u 4. Dawn jistgħu jiġu stabbiliti bil-liġi, bi ftehim amministrattiv jew bi ftehim kollettiv. Il-paragrafu 3 jistabbilixxi ħin tax-xogħol massimu u numru minimu ta' sigħat ta' mistrieħ matul kwalunkwe perjodu ta’ 24 siegħa, u l-ħin tax-xogħol massimu matul kwalunkwe perjodu ta’ sebat ijiem. Il-paragrafu 4 jistipula limiti fuq id-diviżjoni tal-perjodi ta' mistrieħ.

Il-paragrafu 5 jippermetti eċċezzjonijiet għall-perjodu massimu ta' referenza, sigħat massimi tax-xogħol u sigħat minimi ta' mistrieħ għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol. Eċċezzjonijiet bħal dawn jeħtieġ li jkunu kemm jista' jkun konformi mal-istandards stabbiliti u jippermettu aktar perjodi ta' mistrieħ b'kumpens. Dawn jistgħu jieħdu kont ta' perjodi ta' liv aktar frekwenti jew itwal jew l-għoti ta' liv b'kumpens għas-sajjieda. Il-paragrafu 6 jiddikjara li jekk isiru eċċezzjonijiet għal-limiti fuq is-sigħat tax-xogħol u s-sigħat tal-mistrieħ, is-sajjieda għandhom jirċievu perjodi ta' mistrieħ b'kumpens malli dan ikun prattiku.

Il-paragrafu 7 jiddikjara li f’sitwazzjonijiet ta’ emerġenza, il-kaptan jista' jirrikjedi li l-ħaddiem jaħdem sigħat addizzjonali meħtieġa għas-sikurezza tal-persuni, tas-sajda jew tal-

[18] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9-19.

bastiment innifsu jew sabiex jassistu lil persuni jew bastimenti f'diffikultà sakemm is-sitwazzjoni terġa' lura għan-normal. Il-kaptan irid jiżgura li s-sajjieda kollha li ħadmu waqt il-perjodu ta' mistrieħ skedat għandhom mistrieħ xieraq ta' kumpens, wara li s-sitwazzjoni terġa' lura għan-normal.

Il-paragrafu 8 jistabbilixxi li l-Istati Membri tal-UE jistgħu jipprovdu li s-sajjieda li jkunu qed jaħdmu abbord bastimenti tas-sajd, li bil-liġi mhumiex permessi jaħdmu għal perjodu itwal minn xahar, iridu jieħu l-liv annwali waqt dak il-perjodu.

*Artikolu 12 (Lista tal-ekwipaġġ)*

Dan l-Artikolu jiddikjara li kull bastiment tas-sajd jeħtieġ li jkollu lista tal-ekwipaġġ. Il-lista tal-ekwipaġġ għandha tkun ikkommunikata qabel it-tluq jew immedjatament wara t-tluq lill-persuni awtorizzati fuq l-art. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina lil min u meta l-lista tal-ekwipaġġ għandha tkun ipprovduta u għal liema fini(jiet).

*Ftehim tax-xogħol tas-sajjieda (Artikoli 13-18)*

*Artikolu 13*

L-Artikolu 13 jiddikjara li l-Artikoli 14-18 japplikaw mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/553/KE[19].

*Artikolu 14*

Dan l-Artikolu jiddikjara li kull Stat Membru tal-UE għandu jirrikjedi, fil-liġi, regolamenti jew miżuri nazzjonali oħrajn tiegħu, li s-sajjieda li huma impjegati abbord bastiment tas-sajd ikollhom ftehim tax-xogħol bil-miktub li jifhmuh. Il-ftehim tax-xogħol tas-sajjieda għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u b'mod partikolari mal-Anness I tiegħu li fih standards minimi dwar il-kontenut tal-ftehim tax-xogħol tas-sajjieda.

*Artikolu 15*

L-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw liġijiet, regolamenti jew miżuri nazzjonali oħrajn sabiex jistabbilixxu proċeduri li jiżguraw (a) li s-sajjied jista' jieħu parir dwar il-kontenut tal-ftehim tax-xogħol tiegħu jew tagħha, qabel ma jiġi konkluż; (b) iż-żamma tar-rekords taħt ftehim, fejn applikabbli; u (c) mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar il-ftehim tax-xogħol tas-sajjieda.

*Artikolu 16*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi li s-sajjied għandu jirċievi kopja tal-ftehim tax-xogħol tas-sajjieda. Trid tingħata kopja lill-partijiet l-oħrajn fuq talba skont il-liġi u l-prattika nazzjonali. Kopja tal-ftehim tax-xogħol tas-sajjieda għandha tinġarr abbord il-bastiment u tkun disponibbli għas-sajjieda.

*Artikolu 17*

[19] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg, ĠU L 288, 18.10.1991, p. 32-35.

Dan l-Artikolu jiddikjara li l-Artikoli 14-16 u l-Anness I għal dan il-Ftehim ma japplikawx għas-sidien tal-bastimenti tas-sajd li jkunu qegħdin iħaddmu l-bastiment waħedhom.

*Artikolu 18*

L-Artikolu jistabbilixxi r-responsabilità tas-sid tal-bastiment tas-sajd sabiex jiżgura li kull sajjied impjegat abbord il-bastiment ikollu ftehim tax-xogħol tas-sajjied bil-miktub. Dan il-ftehim tax-xogħol jeħtieġ li jkun iffirmat mill-partijiet kollha kkonċernati, jiġifieri s-sajjied, min iħaddmu u/jew rappreżentanti jew partijiet oħrajn ikkonċernati.

*Artikolu 19 (Ripatrijazzjoni)*

L-Artikolu 19(1) jiddikjara li l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw dritt għal ripatrijazzjoni għas-sajjieda li jkunu qed jaħdmu abbord bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jew irreġistrati taħt il-ġurisdizzjoni plenarja tagħhom u li jidħlu f'port barrani. Id-dritt għar-ripatrijazzjoni jeżisti meta l-ftehim tax-xogħol tas-sajjieda ikun skada jew mitmum għal raġunijiet ġustifikati minn parti jew aktar għal dak il-ftehim, jew is-sajjied ma għadux kapaċi jwettaq il-kompiti meħtieġa taħt il-ftehim tax-xogħol tas-sajjieda jew ma jistax ikun mistenni li jwettaqhom fiċ-ċirkostanzi speċifiċi (eż. aċċidenti, mard, jew korrimenti okkupazzjonali). Id-dritt għal ripatrijazzjoni japplika wkoll għal sajjieda trasferiti mill-bastiment għall-port barrani għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq.

L-Artikolu 19(2) jistabbilixxi li s-sid tal-bastiment tas-sajd għandu jħallas l-ispejjeż għar-ripatrijazzjoni sakemm is-sajjied ma jkunx f'nuqqas serju tal-obbligi tiegħu jew tagħha taħt il-ftehim tax-xogħol tas-sajjied, skont il-liġi, regolamenti jew miżuri nazzjonali oħrajn. Skont l-Artikolu 19(3) l-Istati Membri tal-UE għandhom jippreskrivu ċ-ċirkostanzi preċiżi li fihom is-sajjieda huma intitolati għar-ripatrijazzjoni bħat-tul ta' żmien massimu ta' perjodi ta' servizz abbord u d-destinazzjonijiet li s-sajjieda jistgħu jiġu ripatrijati lejhom.

L-Artikolu 19(4) jiddikjara li f'każ li s-sid tal-bastiment tas-sajd jonqos milli jipprovdi għar-ripatrijazzjoni, l-Istat Membru għandu jorganizzaha. L-Istat Membru għandu jkun intitolat li jirkupra l-ispejjeż mis-sid tal-bastiment tas-sajd. Il-paragrafu 19(5) jagħti lis-sid tal-bastiment tas-sajd il-possibbiltà li jirkupra l-ispejjeż taħt arranġamenti kuntrattwali ta' partijiet terzi.

*Artikolu 20 (Servizzi tas-suq privat tax-xogħol)*

L-Artikolu 20(1) jiddikjara li dan l-Artikolu japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/104/KE[20]. L-Artikolu 20(2) jiċċara li, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, is-servizzi tas-suq privat tax-xogħol jikkonsistu mir-reklutaġġ u l-għoti ta' impjieg u ta' servizzi privati tal-impjieg. L-Artikolu 20(3) jirrikjedi li l-Istati Membri jipprojbixxu lill-aġenziji privati tal-impjieg milli jużaw kwalunkwe mezz jew mekkaniżmu jew lista sabiex iwaqqfu lis-sajjieda milli jimpjegaw. L-ebda miżata jew ħlas ieħor għas-servizzi tas-suq privat tax-xogħol ma għandhom jitħallsu, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mis-sajjied. L-Artikolu 20(4) jistipula li l-Istati Membri li rratifikaw il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-ILO, 2007, jistgħu jallokaw ċerti responsabbiltajiet taħt dik il-Konvenzjoni lil aġenziji privati tal-impjieg, sakemm ikollhom dan id-dritt. Il-limiti tal-Konvenzjoni għandhom jiġu meqjusa.

[20] Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9-14.

*L-Artikoli 21-25 tal-Ftehim fihom dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward tal-ikel u l-akkomodazzjoni.*

L-Artikolu 21(1) jiddikjara li l-Artikoli 21-25 japplikaw mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 93/103/KE. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikoli 22-25 għandhom ikunu osservati bl-attenzjoni dovuta għall-iġjene, u kundizzjonijiet ġenerali siguri, sani u komdi.

Skont l-Artikolu 22, l-Istati Membri jridu jadottaw liġijiet, regolamenti jew miżuri oħrajn fir-rigward ta', *inter alia*, id-daqs u l-kwalità tal-akkomodazzjoni, l-ikel u l-ilma tajjeb għax-xorb abbord bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jew huma rreġistrati taħt il-ġurisdizzjoni plenarja tagħhom. L-Artikolu 23 jiddikjara li kull Stat Membru għandu jadotta liġijiet, regolamenti jew miżuri oħrajn li jirrikjedu li l-akkomodazzjoni tkun ta' kwalità u daqs suffiċjenti u mgħammra għas-servizz tal-bastiment u t-tul ta' żmien li s-sajjieda jqattgħu abbord. B'mod partikolari, il-kwistjonijiet elenkati fl-Artikolu 23 għandhom jiġu meqjusa, bħall-approvazzjoni tal-pjanijiet għall-bini jew il-modifika tal-bastimenti tas-sajd fir-rigward tal-akkomodazzjoni, tal-manutenzjoni tal-akkomodazzjoni u l-ispazji tal-kċejjen, il-ventilazzjoni, is-sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ, l-illuminazzjoni, it-tnaqqis ta' ħsejjes u vibrazzjoni eċċessivi, il-post, id-daqs, il-materjali tal-bini, l-għamara u t-tagħmir ta' kmamar differenti u spazji oħrajn ta' akkomodazzjoni, il-faċilitajiet tas-sanità, u l-provvista ta' ilma sħun u kiesaħ suffiċjenti, u l-proċeduri għat-tressiq ta' lment dwar akkomodazzjoni li ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan il-Ftehim.

L-Artikolu 24 jiddikjara li l-Istati Membri tal-UE jridu jadottaw liġijiet, regolamenti jew miżuri oħrajn fir-rigward tal-ikel u l-ilma abbord il-bastiment. B'mod partikolari, l-ikel li jinġarr u jkun servut abbord għandu jkun ta' kwalità, kwantità u valur nutrittiv suffiċjenti. L-ilma tajjeb għax-xorb għandu jkun ta' kwalità u kwantità suffiċjenti. Is-sid tal-bastiment tas-sajd għandu jipprovdi ikel u ilma mingħajr l-ebda ħlas għas-sajjieda. Madankollu, skont il-liġi u r-regolamenti nazzjonali, l-ispiża tista' tkun irkuprata bħala spiża operattiva jekk il-ftehim kollettiv li jirregola sistema ta' ishma jew ftehim tax-xogħol tas-sajjied jipprevedu dan. Il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri nazzjonali li għandhom jiġu adottati mill-Istat Membru tal-UE sabiex jittrasponu d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 22-24 għandhom jagħtu effett sħiħ lill-Anness II tal-Ftehim dwar l-akkomodazzjoni fuq bastimenti tas-sajd.

*L-Artikoli 26-31 jikkonċernaw il-protezzjoni tas-saħħa u l-kura medika; il-protezzjoni f'każ ta' mard relatat max-xogħol, korriment jew mewt.*

L-Artikolu 26 jirrikjedi li l-Istati Membri tal-UE jadottaw liġijiet, regolamenti u miżuri nazzjonali oħrajn sabiex jiżguraw li s-sajjieda fuq bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jew li huma rreġistrati taħt il-ġurisdizzjoni plenarja tagħhom ikollhom id-dritt għal kura medika fuq l-art u li, fil-każ ta' mard serju jew korriment, jittieħdu l-art f'ħin opportun. Is-sajjieda għandhom ikunu pprovduti b'kura medika u protezzjoni tas-saħħa mis-sid tal-bastiment tas-sajd waqt li jkunu abbord jew waqt li jkunu niżlu f'port barra mill-pajjiż responsabbli għall-protezzjoni tas-sigurtà soċjali tas-sajjied. F'każ ta' mard jew korriment relatat max-xogħol, is-sajjieda għandhom ikollhom aċċess għal kura medika adegwata f'konformità mal-liġi, il-prattiki u r-regolamenti nazzjonali, . Taħt l-Artikolu 27, il-kura medika u l-protezzjoni tas-saħħa abbord imsemmijin fl-Artikolu 26(b) huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-Direttiva 92/92/KEE[21] u l-Artikolu 28 tal-Ftehim. Dan għandu jinkludi kura medika u

[21] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sikurezza u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti, ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19–36.

assistenza materjali u appoġġ jekk is-sajjied jitniżżel f'port barrani barra mill-pajjiż responsabbli għall-protezzjoni tas-sigurtà soċjali tas-sajjied.

Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim, l-Istati Membri tal-UE jridu jadottaw liġijiet nazzjonali, regolamenti u miżuri oħrajn li jintroduċu rekwiżiti addizzjonali għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/29/KEE, filwaqt li jqisu, *inter alia*, iż-żona tal-ħidma u t-tul tal-vjaġġ, u n-numru ta' sajjieda abbord. Barra minn hekk din tistabbilixxi li l-bastimenti jeħtieġ li jkunu mgħammra b'komunikazzjonijiet bir-radju jew bis-satellita għal konsultazzjoni medika u gwida medika adottata jew approvata mill-awtorità kompetenti jew l-aktar edizzjoni aġġornata tal-*International Medical Guide for Ships.*

L-Artikolu 29 jistabbilixxi li l-Istati Membri tal-UE jridu jadottow liġijiet, regolamenti jew miżuri oħrajn li jirrikjedu li: a) il-kura medika taħt l-Artikolu 26(b) u l-Artikolu 28 tkun ipprovduta mingħajr ħlas lis-sajjied; b) is-sid tal-bastiment tas-sajd huwa responsabbli għall-ispiża tal-kura medika tas-sajjied sakemm dan tal-aħħar ġie ripatrijat, sal-limitu li l-ispejjeż mhumiex koperti mill-pajjiż responsabbli għall-protezzjoni tas-sigurtà soċjali tas-sajjied.

L-Artikolu 30 jiddikjara li l-liġi jew ir-regolamenti nazzjonali jistgħu jippermettu li din ir-responsabbiltà għall-kopertura tal-ispiża tal-kura medika tkun eskluża jekk il-korriment ma seħħx fis-servizz tal-bastiment, jew il-marda kien moħbija waqt l-ingaġġ, jew is-sid tal-bastiment tas-sajd għandu evidenza li l-korriment jew il-mard kienu ikkawżati minn imġiba ħażina intenzjonata.

L-Artikolu 31(1) jobbliga lill-Istati Membri tal-UE sabiex jieħdu miżuri sabiex jipprovdu lis-sajjieda bi protezzjoni għal mard, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. L-Artikolu 31(2) jiddikjara li f'każ ta' mard jew korriment ikkawżat minn aċċident fuq il-post tax-xogħol is-sajjied huwa intitolat għal kumpens skont il-liġi u r-regolamenti nazzjonali. Taħt l-Artikolu 31(3), is-sid tal-bastiment tas-sajd huwa responsabbli għal din il-protezzjoni u kumpens jekk dawn ma jkunux koperti mill-pajjiż responsabbli għall-protezzjoni tas-sigurtà soċjali tas-sajjied. Taħt l-Artikolu 32, is-sid tal-bastiment tas-sajd jista' jiżgura obbligazzjonijiet finanzjarji taħt l-Artikoli 29 u 31 tal-Ftehim permezz ta' assigurazzjoni jew skemi oħrajn.

*L-Artikoli 33-36 inklużivi jirrigwardaw is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni tal-aċċidenti.*

L-Artikolu 33 jistipula li l-Artikoli 34 sa 36 japplikaw mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 89/391/KEE[22], id-Direttiva 92/29/KEE[23], u d-Direttiva 93/103/KE[24].

L-Artikolu 34 jistabbilixxi li l-Istati Membri tal-UE huma obbligati li jadottaw liġijiet, regolamenti, jew miżuri oħrajn li jikkonċernaw il-prevenzjoni ta' mard, korrimenti u aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, inkluż valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni u taħriġ tas-sajjieda. It-taħriġ tas-sajjieda jrid jinkludi wkoll taħriġ dwar it-tagħmir tas-sajd li ser jimmaniġġjaw u l-ħidma li ser ikunu involuti fiha. Barra minn hekk, dawn għandhom jinkludu r-responsabbiltajiet tas-sidien tal-bastimenti tas-sajd, tas-sajjieda u ta' oħrajn, b'kont meħud b'mod partikolari tas-

[22] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1-8.

[23] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sikurezza u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti, ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19–36.

[24] Id-Direttiva tal-Kunsill 93/103/KE tat-23 ta' Novembru 1993 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sikurezza u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd (it-tlettax-il Direttiva individwali li taqa' taħt it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), ĠU L 307, 13.12.1993, p. 1-17.

sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol tas-sajjieda taħt l-età ta' 18-il sena. Il-liġijiet, regolamenti u miżuri nazzjonali oħrajn għandhom ukoll jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni u l-investigazzjoni tal-aċċidenti abbord il-bastiment u l-istabbiliment ta' kumitati konġunti jew (wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali nazzjonali) korpi oħrajn dwar is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

L-Artikolu 35 japplika għall-bastimenti tas-sajd kollha filwaqt li jieħu kont tal-għadd ta' sajjieda abbord, iż-żona ta' ħidma u t-tul tal-vjaġġ. Dan jistabbilixxi r-responsabilitajiet tal-awtoritajiet kompetenti u tas-sid tal-bastiment tas-sajd fir-rigward tal-prevenzjoni ta' mard, korrimenti u aċċidenti fuq il-post tax-xogħol abbord u valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskji. Barra minn hekk, dan jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-informazzjoni u t-taħriġ tas-sajjieda fir-rigward tat-tagħmir, il-ħidma u s-sikurezza bażika, u l-forniment ta' lbies u tagħmir protettiv personali.

L-Artikolu 36 jistabbilixxi li s-sajjieda jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jipparteċipaw fl-evalwazzjoni tar-riskju.

*Artikolu 37 (Emendi)*

Dan l-Artikolu jiddikjara li, fuq it-talba ta' wieħed mill-firmatarji, sussegwentement għal kwalunkwe emenda ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-ILO, 2007, għandha ssir reviżjoni tal-applikazzjoni tal-Ftehim u l-annessi tiegħu. Jekk mitluba minn wieħed mill-firmatarji, sussegwentament għal kwalunkwe bidla fl-acquis tal-UE li taffettwa dan il-Ftehim, għandha titwettaq reviżjoni tal-applikazzjoni tal-Ftehim.

*Artikolu 38 (Dispożizzjonijiet finali)*

Dan l-Artikolu jiddikjara li l-Ftehim ser jidħol fis-seħħ fil-jum li l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-ILO, 2007 tidħol fis-seħħ.

*L-Anness I (Ftehim tax-Xogħol tas-Sajjied)* jispeċifika l-kontenut tal-Ftehim tax-Xogħol tas-Sajjieda.

*L-Anness II (Akkomodazzjoni tal-Bastiment tas-Sajd)*

L-Anness jispeċifika l-kamp tal-applikazzkoni u l-estensjonijiet possibbli tiegħu (fejn meqjus prattikabbli u/jew possibbli mill-awtorità nazzjonali kompetenti). Dan ikopri għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi li prinċipalment dwar l-akkomodazzjoni abbord, imma fih ukoll dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet bħall-ikel u l-ilma tajjeb għax-xorb, u dwar spezzjonijiet mill-kaptan jew taħt l-awtorità tiegħu. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, id-definizzjonijiet ta' a) Ftehim; b) bastiment ġdid u c) bastiment eżistenti huma stabbiliti.

2016/0124 (NLE)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## li timplimenta l-Ftehim konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd (EUROPÊCHE) tal-21 ta' Mejju 2012 kif emendat fit-8 ta' Mejju 2013 li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 155(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-maniġment u l-ħaddiema ("is-sħab soċjali") jistgħu, skont l-Artikolu 155(2) tat-TFUE, jitolbu b'mod konġunt li l-ftehimiet konklużi minnhom fil-livell tal-Unjoni jiġu implimentati permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.

(2) Fl-14 ta' Ġunju 2007, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol adottat il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007[25], bil-mira li toħloq strument koerenti wieħed sabiex tlesti l-istandards internazzjonali dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol għal dan is-settur, li jkunu jinkludu standards riveduti u aġġornati ta' Konvenzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet internazzjonali eżistenti applikabbli għas-sajjieda, kif ukoll il-prinċipji fundamentali li jinsabu f"Konvenzjonijiet tax-xogħol internazzjonali oħrajn.

[25] http://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:C188

(3) Il-Kummissjoni kkonsultat mas-sħab soċjali, skont l-Artikolu 154(2) tat-TFUE, dwar jekk għandhiex issir promozzjoni tal-applikazzjoni fi ħdan l-Unjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007[26].

(4) Fit-8 ta' Mejju 2013, il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea, il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport u l-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea, bix-xewqa li jwettqu l-ewwel pass lejn kodifikazzjoni tal-acquis soċjali tal-UE fis-settur tas-sajd fuq il-baħar u sabiex jgħinu fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet ugwali fis-settur tas-sajd fuq il-baħar fl-UE, ikkonkludew ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 ("il-Ftehim"). Fl-10 ta' Mejju 2013, dawn l-organizzazzjonijiet talbu lill-Kummissjoni sabiex timplimenta l-ftehim tagħhom permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 155(2) tat-TFUE.

(5) Għall-finijiet tal-Artikolu 288 tat-Trattat, l-istrument adatt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim huwa Direttiva.

(6) Il-Kummissjoni ħejjiet abbozz tal-proposta tagħha għal Direttiva, f'konformità mal-Komunikazzjoni tagħha tal-20 ta’ Mejju 1998[27] dwar l-adattament u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali fil-livell tal-Komunità, b'kont meħud tal-istatus rappreżentattiv tal-partijiet firmatarji u tal-legalità ta’ kull klawżola tal-Ftehim.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni eżistenti tal-Unjoni li hija aktar speċifika jew li tagħti livell ogħla ta’ protezzjoni lis-sajjieda kollha.

(8) Din id-Direttiva ma għandhiex tintuża biex ikun ġustifikat tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema fl-oqsma koperti mill-Ftehim.

(9) Din id-Direttiva u l-Ftehim anness magħha jistabbilixxu standards minimi; l-Istati Membri u s-sħab soċjali jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar favorevoli.

(10) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar segwitu u reviżjoni mis-sħab soċjali fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-Ftehim u twettaq valutazzjoni.

(11) Id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-istess żmien li tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 u s-sħab soċjali jixtiequ li l-miżuri nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva ma jidħlux fis-seħħ qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007.

(12) Il-Ftehim japplika għas-sajjieda li jkunu qed jaħdmu fi kwalunkwe kapaċità b'kuntratt ta' impjieg jew f'relazzjoni ta' impjieg abbord bastimenti tas-sajd involuti fis-sajd kummerċjali, li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE jew irreġistrati taħt il-ġurisdizzjpni plenarja ta' Stat Membru tal-UE.

(13) Sabiex jipproteġi s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol tas-sajjieda li jkunu qed jaħdmu fi kwalunkwe kapaċità b'kuntratt ta' impjieg jew f'relazzjoni ta' impjieg, il-

[26] COM(2007) 591 finali.
[27] COM(1998) 322 finali

Ftehim jista' japplika ulterjorment għas-sajjieda l-oħra kollha preżenti abbord l-istess bastiment tas-sajd.

(14) Kwalunkwe terminu użat fil-Ftehim u li mhuwiex iddefinit b'mod speċifiku fih jista' jkun iddefinit mill-Istati Membri skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, bħalma huwa l-każ għal direttivi oħrajn dwar il-politika soċjali li jużaw termini simili, diment li dawk id-definizzjonijiet jirrispettaw il-kontenut tal-Ftehim.

(15) Din id-Direttiva u l-Ftehim anness magħha għandhom jieħdu kont tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd kif enfasizzat fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013[28].

(16) L-Istati Membri jistgħu jafdaw lis-sħab soċjali, fuq it-talba konġunta tagħhom, bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, sakemm l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li fi kwalunwke ħin jistgħu jiggarantixxu r-riżultati imposti minn din id-Direttiva.

(17) Il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 155(2) tat-TFUE billi bagħtet it test tal-proposta tagħha għal Direttiva li kien jinkludi l-Ftehim.

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 20, 31 u 32 tagħha.

(19) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva li hija maħsuba sabiex ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fis-settur tas-sajd fuq il-baħar - li huwa settur transfruntier li jopera taħt il-bnadar ta' Stati Membri differenti - ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni Ewropea tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5(3) tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat fl-Artikolu 5(4) tat-TUE, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi.

(20) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[29], l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata,

[28] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE, ĠU L 354, 28.12.2013.

[29] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Din id-Direttiva timplimenta l-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea, il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport u l-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea, konkluż fit-8 ta' Mejju 2013, rigward l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

It-test tal-Ftehim huwa mniżżel fl-anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar favorevoli għall-ħaddiema minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandha fl-ebda ċirkostanza tikkostitwixxi raġuni suffiċjenti biex tiġġustifika tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri u tas-sħab soċjali li jadottaw, fid-dawl tat-tibdil fiċ-ċirkostanzi, liġijiet u regolamenti differenti jew li jagħmlu arranġamenti kuntrattwali differenti minn dawk li jipprevalu fil-waqt tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva, dejjem diment li r-rekwiżiti minimi stipulati f'din id-Direttiva jiġu rrispettati.

3. L-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni, drawwa jew prattika tal-Unjoni jew nazzjonali li tipprevedi kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-ħaddiema kkonċernati.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema penali jkunu applikabbli meta jinkisru d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [*sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva*]. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Istati Membri u s-sħab soċjali fil-livell tal-Unjoni, tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-valutazzjoni ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 5 snin wara d-data prevista fl-Artikolu 6.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta’ dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-ILO, 2007.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*